# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħamsa (5) ta' Marzu 2020**

**Rikors Numru 30/15 FDP**

Fl-ismijiet

**Avukat Dr Johnaton Abela bħala mandatarju speċjali tal-kumpannija estera Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd, b'uffiċċju reġistrat ġewwa Kai Ping City, Ċina**

**Vs**

**Frank Cachia (ID 415770M), eżerċjenti fil-kummerċ bl-isem ta' AGV Group Malta u, b'digriet tad-9 ta' Novembru 2015, ġew appuntati Dr Mark Mifsud Cutajar u l-PL Luisa Tufigno bħala kuraturi deputati għall-assenti Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 14 ta' Jannar 2015, li permezz tiegħu r-rikorrenti *nomine* talab is-segwenti:

   *Illi s-soċjeta' esponenti topera fil-qasam ta' waste recycling, inkluż f'reċiklaġġ ta' ħadid, u timporta lejn iċ-Ċina diversi konsenji ta' ħadid sabiex jiġu reċiklati fl-impjanti tagħha;*

   *Illi fis-sena 2009, il-konvenut u s-soċjeta' rikorrenti daħlu fi trattiv sabiex is-soċjeta' rikorrenti tixtri mingħand il-konvenut merkanzija konsistenti minn scrap metal sabiex l-istess tiġi esportata lejn iċ-Ċina għar-reċiklaġġ;*

*Illi f'Diċembru tas-sena 2009, is-soċjeta' rikorrenti bagħtet l-ammont ta' għoxrin elf dollaru amerikan lill-konvenut bl-intiża li jsir in-negozju bejniethom u l-konvenut ikkonferma li rċieva l-imsemmi ammont permezz ta' dokument anness u mmarkat bħala Dok A, datat 31 ta' Diċembru 2009;*

*Illi fit-13 ta' Jannar 2010, ġie ffirmat ftehim bejn il-partijiet, anness bħala Dok. B, fejn ġie miftiehem li l-konvenut kellu jibgħat lis-soċjeta' rikorrent, konsenja ta' transformers lejn iċ-Ċina;*

*Illi sussegwentement għal dan il-ftehim, il-konvenut informa lis-soċjeta' rikorrenti li kien sab konsenja ta' transformers sabiex jiġu esportati bħala scrap, u bagħat lis-soċjeta' rikorrenti kopja ta' ittra, allegatament mibgħuta minn Enemalta, liema ittra tinsab annessa bħala Dok. C, fejn jidher li allegatament is-soċjeta' Enemalta kienet aċċettat li tbiegħ lill-konvenut numru ta' transformers u fejn talbet il-ħlas ta' depożitu fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf ewro;*

*Illi rinfaċjata b'dan l-allegat ftehim, is-soċjeta' rikorrenti bagħtet dan l-ammont lill-konvenut li minn naħa tiegħu ikkonferma li rċieva l-istess permezz ta' dokument datat 4 ta' Frar 2010, anness bħala Dok. D, u sussegwentement bagħat lis-soċjeta' rikorenti kopja ta' riċevuta allegatament maħruġa minn Enemalta, annessa bħala Dok. E;*

*Illi l-konvenut reġa' talab mingħand is-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' ħmistax il-elf ewro sabiex ikopri garanzija li kellha titħallas mal-Malta Environment and Planning Authority in konnessjoni mal-esportazzjoni tal-imsemmija transformers hekk kif rikjesti mill-ittra ta' Enemalta plc (Dok. C), fejn is-soċjeta' esponenti bagħtet l-ammont ta' ħmistax-il elf ewro lill-konvenut li minn naħa tiegħu bagħat lis-soċjeta' esponenti l-invoice / riċevuta fejn jidher li sar ħlas ta' ħmistax-il elf ewro bħala garanzija fuq ix-xiri ta' konsenja transformers, anessa bħala Dok. F, datata 23 ta' Marzu 2010;*

*Illi fl-24 ta' Marzu 2010, il-konvenut bagħat lis-soċjeta' rikorrenti, kopja ta' email allegatament mibgħuta minn ċertu Alan Micallef li jaħdem ma' Enemalta plc, fejn kien ikkonferma li kienu tħallsu id-depożitu ta' ħamsa u għoxrin elf ewro lill-Enemalta, li l-piż tal-merkanzija kienet ta' ċirca mitejn u sittin tunnellata, li tħallas id-depożitu mal-MEPA u li jonqos issa deposit ma' Falzon Waste Oil Ltd u kopertura tal-assikurazzjoni;*

*Illi l-esponenti bagħtu l-ħlas ta' ħamest elef ewro lill-konvenut li minn naħa tiegħu bagħat kopja ta' riċevuta allegatament maħruġa minn Falzon Group of Companies ta' ħamest elef ewro, hawn annessa bħala Dok. G;*

*Illi lejn l-aħħar ta' Marzu 2010, il-konvenut bagħat id-dokument hawn anness bħala Dok. H, fejn ikkonferma li kien ħallas l-ammonti hemm indikati u li kellu bżonn tletin elf dollaru Amerikan ieħor sabiex iħallas il-kopertura tal-assikurazzjoni, fejn indika wkoll id-dettalji bankarji ta' fejn kellhom jintbagħtu l-fondi;*

*Illi fit-30 ta' Marzu 2010, il-konvenut bagħat jikkonferma lis-soċjeta' esponenti li kien irċieva l-ammont ta' tletin elf dollaru ($30,000) intiżi sabiex jitħallas l-assikurazzjoni u dan hekk kif jidher minn Dok. 1 u Dok. 12 annessi;*

*Illi minn dak iż-żmien l'hawn il-konvenut ma bagħat l-ebda merkanzija lill-esponenti, u minkejja numru ta' telefonati u emails il-konvenut baqa' inadempjenti;*

*Illi riċentement u ċioe' fit-23 ta' Ġunju 2014, il-konvenut bagħat l-email annessa bħala Dok. J, lill-esponenti, pero' minkejja din il-wegħda l-merkanzija qatt ma ntbagħtet;*

*Illi meta s-soċjeta' esponenti talbet verifika tal-awtentiċita' tad-dokumenti annessi bħala Dok. C, E, F, G, u 12, mingħand is-soċjetajiet / awtoritijiet li suppost ħarġu dawn id-dokumenti, is-soċjeta' rikorrenti rċeviet l-ittri annessi bħala Dok. K, L u M;*

*Illi llum, il-bilanc dovut mill-konvenut lis-soċjeta' rikorrenti jammonta għall-ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) oltre ħamsin elf dollaru Amerikan ($50,000), illum ekwivalenti għall-wieħed u erbgħin elf, disgħa mija u tmienja u tletin ewro (€41,938);*

*Illi għalhekk jidher li l-konvenut ħa flejjes għalih u ma xtara u bagħat l-ebda merkanzija lis-soċjeta' esponenti kif kien prometta li jagħmel u għalhekk huwa debitur lejn is-soċjeta' rikorrenti għal-ammonti ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) oltre ħamsin elf dollaru Amerikan ($50,000), illum ekwivalenti għall-wieħed u erbgħin elf, disgħa mija u tmienja u tletin ewro (€41,938);*

*Illi dawn il-fatti huma magħrufa mill-esponenti li qiegħed jikkonferma l-istess bil-ġurament tiegħu u jiddikjara li sa fejn jaf hu, l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra din it-talba.*

*Għaldaqstant, l-esponenti għar-raġunijiet hawn fuq premessi qiegħed bir-rispett jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tipproċedi għas-sentenza skond it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini ta' Artikolu 167 ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-bilanċ dovut ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) oltre ħamsin elf dollaru Amerikan ($50,000), illum ekwivalenti għall-wieħed u erbgħin elf, disa mija u tmienja u tletin ewro (€41,938), b'total ta' sitta u sittin elf, disgħa mija u tmienja u tletin ewro (€66,938).*

*Bl-ispejjeż kollha, bl-imgħax u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 2857/2014 ppreżentata qabel dawn il-proċeduri, kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-22 ta' April 2015, wara illi l-konvenut ingħata d-dritt jirrispondi mill-Qorti fil-15 ta' April 2015, huwa ppreżenta r-risposta tiegħu fejn qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi preliminarjament il-mandatarju ma għamilx il-prova li hu awtorizzat li jressaq it-talbiet tas-soċjeta' estera u ma hemm eżebita l-ebda kopja tal-prokura jew dokumentazzjoni li tikkonferma li l-esponenti huwa tassew il-mandatarju ta' din is-soċjeta' estera u għalhekk fin-nuqqas ta' din il-prova ma tistax il-pretensjoni tas-soċjeta' attriċi tiġi akkolta peress li din il-prova hija meħtieġa mill-liġi u n-nuqqas ta' din l-awtorizazzjoni trendi dawn il-proċeduri nulli.*

   2. *Illi mingħair preġudizziu għas-suespost u fuq bażi preliminari wkoll kull talba hi preskritta minħabba d-dekors tas-sentejn mill-allegata data tat-trasferimenti tal-imsemmija flejjes;*

   3. *Illi mingħajr preġudizziu għas-suespost l-esponenti ma huwiex il-leġittimu kontradittur u dana peress illi l-flejjes mertu ta' din il-kawża qatt ma waslu għand l-esponenti iżda kienu Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg li kellhom x'jaqsmu mal-ġbir tal-flus; illi għalhekk jeħtieġ li Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg jiġu kjamati in kawża;*

*4. Illi l-esponenti għandu d-dokumentazzjoni kollha relevanti sabiex jipprova li kull pagament li qatt għadda lilu kien intuża sabiex isir in-negozju miftiehem u l-esponenti ma huwiex responsabbli għall-ebda rifużjoni u dana peress illi:*

*a. mhux minnu li s-soċjeta' rikorrenti kienet bagħtet flus li ma ġewx onorati b'merkanzija mill-konvenut;*

*b. mhux minnu li l-esponenti naqas li jikkonsenja xi merkanzija lill-mandatarju nomine;*

*c. mhux minnu li l-esponenti qatt iffalsifika xi dokumentazzjoni o meno u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*d. Illi lanqas ma huwa minnu li l-konvenut ħa flejjes għalih u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*5. Illi fi kwalunkwe każ, jispetta u jonqos lill-mandatarju tas-soċjeta' attriċi li, kif allegat minnha fir-rikors maħluf, iġġib il-prova tal-allegazzjonijiet minnha magħmula;*

*Bl-spejjeż kontra l-intimat nomine li hu minn issa nġunt in subizzjoni.*

3. Rat illi, wara illi ġew nominati Dr Mark Mifsud Cutajar u PL Luisa Tufigno bħala kuraturi deputati għall-assenti Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg fl-4 ta' Novembru 2015, fit-12 ta' Jannar 2015 il-Kuraturi Deputati ippreżentaw l-eċċezzjonijet tagħhom fejn qajjmu s-segwenti difiżi:

*ILLI jingħad preliminarjament li l-esponenti qed jirriservaw li jressqu noti jew risposti ulterjuri billi huwa mhux edotti mill-fatti kompletament u dan aktar u aktar billi l-materja hija waħda teknika u dan wara li jsir kuntatt mal-intimati;*

*ILLI fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.*

*ILLI jingħad ukoll ir-rikorrenti jridu jressqu prova tat-titolu li huma qed jallegaw li għandhom fuq dawn is-sinjali hekk indikati fit-talba għal ħruġ tal-mandat kif ukoll jridu jipprovaw il-preġudizzju tagħhom u li dan l-allegat preġudizzju li qed jiġi kkawżżat mill-intimat;*

## Provi

4. Rat il-provi prodotti mir-rikorrenti nomine, ossija s-segwenti:

   a. Id-dokumentazzjoni eżebita mar-rikors promotur, ossija:

      i. Riċevuta datata 31 ta' Diċembru 2009 maħruġa minn AGV Group u ffirmata mill-intimat Frank Cachia.[1]

[1] Fol 5

ii. Ftehim datat 13 ta' Jannar 2010 bejn l-intimat Frank Cachia u s-soċjeta' rikorrenti Kaiping City Hiuh Waste Recycling Co. Ltd.[2]

iii. Ittra datata 3 ta' Frar 2009 mibgħuta minn Alan Micallef '*Head Sales Manager*' tal-Enemalta u indirizzata lill-intimat Frank Cachia.[3]

iv. Riċevuta datata 4 ta' Frar 2010 maħruġa minn AGV Group u ffirmata mill-intimat Frank Cachia.[4]

v. Kopja illeġibbli ta' riċevuta maħruġa mill-Enemalta ta' ħlas "cash" ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000).[5]

vi. Riċevuta tal-MEPA għal-ħlas "cash" ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) minn AGV Group maħruġa 23 ta' Marzu 2010.[6]

vii. Ittra ffirmata minn l-intimat mibgħuta lis-soċjeta' rikorrenti, bla data, fejn qed jintalab ħlas ta' $30,000 għal pagamenti magħmula minnu.[7]

viii. Email datata 23 ta' Ġunju 2014 mibgħuta minn l-intimat Frank Cachia lis-soċjeta' rikorrenti fejn għarrafha illi kien għadu ma għabbiex il-merkanzija.[8]

ix. Korrispondenza mibgttua lill-mandatarju Dr Johnaton Abela minn Enemalta, Allcare Insurance Limited u MEPA li lkoll ikkonfermaw illi pagamenti lilhom ma sarux.[9]

b. Ix-xhieda ta' **Alan Micallef**, ex impjegat ta' l-Enemalta, mogħtija fil-5 ta' April 2016.[10]

c. Ix-xhieda ta' **Marisa Cassar**, Senior Accounts Clerk fi ħdan l-Enemalta, mogħtija fil-5 ta' April 2016, flimkien ma' dokumentazzjoni minnha ppreżentata.[11]

d. Ix-xhieda ta' **Dr Ivanka Vella**, rappreżentanta tas-soċjeta' Waste Oils Company Limited, mogħtija fil-5 ta' April 2016.[12]

---

[2] Fol 6
[3] Fol 7
[4] Fol 9
[5] Fol 10
[6] Fol 11
[7] Fol 13
[8] Fol 16
[9] Fol 17 sa 19
[10] Fol 69
[11] Fol 75
[12] Fol 83

e. Ix-xhieda ta' **Ramon Mizzi**, Direttur tas-soċjeta' Allcare Insurance Limited, mogħtija fil-5 ta April 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni varja.[13]

f. Ix-xhieda ta' **Oliver Magro**, rappreżentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar, mogħtija fil-5 ta April 2016.[14]

g. Ix-xhieda ta' l-intimat **Frank Cachia**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2016.[15]

h. L-affidavit ta' **Antonio Auguliaro**, rappreżentant tas-soċjeta' China Guangdong Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd, ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2016[16] flimkien ma' prokura mogħtija lil Dr Johnaton Abela mill-istess kumpanija fit-22 ta' Settembru 2014.[17]

5. Rat illi fis-7 ta' Dicembru 2016 ir-rikorrenti nomine ddikkjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

6. Rat ix-xhieda prodotta mill-intimat Frank Cachia, ossija s-segwenti:

a. Ix-xhieda tiegħu stess fis-17 ta' Jannar 2017.[18]

b. Ix-xhieda ta' **Dr Johnathon Abela**, mogħtija fit-22 ta' Marzu 2017.[19]

c. Kontro eżami ta' Antonio Auguliario, mogħtija fit-22 ta' Marzu 2017.[20]

d. Kontro eżami ulterjuri ta' Antonio Auguliario, mogħtija fit-18 ta' Mejju 2017, flimkien ma' dokumentazzjoni minnu eżebita.[21]

e. Xhieda ulterjuri ta' l-intimat Frank Cachia mogħtija fl-14 ta' Novembru 2017.[22]

f. Nota b'kopja legali tal-proċess 446/2010 JZM fl-ismijiet Frank Cachia vs Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezek deċiża fl-14 ta' Ottubru 2010.[23]

g. Ix-xhieda in kontro eżami ta' Frank Cachia mogħtija fit-3 ta' Mejju 2018.

---

[13] Fol 85
[14] Fol 91
[15] Fol 95
[16] Fol 101
[17] Fol 109
[18] Fol 114
[19] Fol 126
[20] Fol 128
[21] Fol 131
[22] Fol 170
[23] Fol 172-206

7. Rat illi fit-3 ta' Mejju 2018 il-partijiet ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw u għalhekk il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijet bil-miktub tal-partijiet.

8. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti nomine ippreżentati fit-3 ta' Lulju 2018.

9. Rat is-sottomissjonjiet ta' l-intimat Frank Cachia ippreżentati fis-26 ta' Settembru 2018.

10. Rat illi fit-18 ta' Ottubru 2018 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

11. Rat illi minħabba f'indisposizzjoni tal-Qorti, kif diversament ippresjeduta, is-sentenza ma ngħatatx.

12. Rat illi fis-26 ta' Ġunju 2019, dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-atti lilha assenjati u r-rikorrenti nomine talab illi jkun jista' jitratta oralment.

13. Semgħet is-sottomissjonijet orali tal-partijiet illi saru fil-31 ta' Ottubru 2019, wara liema data il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Fatti

14. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi, l-intimat Frank Cachia kien għamel negozju mas-soċjeta' Ċiniża Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd flimkien ma' żewġ persuni oħra, ossija l-kjamati in kawża Fuzhen Wang Lanzon, ta' nazzjonalità Ċiniża u Tarak Rezeg, ta' nazzjonalita' Tuneżina.

15. Jirriżulta illi n-negozju illi kien sar mas-soċjeta' Ċiniża Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd kien xiri ta' materjal lokalment sabiex jinbiegħ lill-istess soċjetà Ċiniża bħala '*scrap'*.

16. Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrent Dr Johnaton Abela, illi ġie appuntat bħala mandatarju tagħha fit-22 ta' Settembru 2014[24], li fit-13 ta' Jannar 2010 ġie ffirmat ftehim bejn is-soċjeta' Ċiniża u l-intimat Frank Cachia, li kien qed jidher għal AGV Group Malta, fejn l-intimati kienu ser jidhru għas-soċjeta' Ċiniża għax-xiri ta' numru ta' transformers illi kienu ser jiġu akkwistati bħala 'scrap', u eventwalment jintbagħtu ċ-Ċina.

17. Jirriżulta illi, qabel tali ftehim, is-soċjeta' Ċiniża bagħtet ammont ta' $20,000 għax-xiri ta' tali 'scrap', għal liema ħlas hemm riċevuta datata 31 ta' Diċembru 2009.[25]

18. Jirriżulta illi, sussegwentement, l-intimat għadda ittra mibgħuta minn ċerta Alan Micallef, indikat bħala Head Sales Manager, datata **<u>3 ta' Frar 2009</u>** u li tagħmel referenza għal laqgħa illi seħħet fit-<u>22 ta' Jannar 2010</u> bejn l-istess Micallef u l-

[24] Fol 109
[25] Fol 5

intimat Frank Cachia fejn ġew spezzjonati transformers illi l-Enemalta kienu ser ibiegħu u ġie miftiehem illi jsir depositu ta' €25,000 għall-konferma tax-xiri.[26]

19. Jirriżulta illi, wara tali ittra s-soċjeta' ċiniża bagħtet is-somma ta' €25,000 lill-intimat, li għaliħ ħareġ riċevuta l-intimat Cachia.[27]

20. Jirriżulta, finalment, illi s-soċjeta' Ċiniża tikkontendi li, sussegwentement, l-intimat bagħat ittra fejn għarraf lis-soċjeta' Ċiniża illi issa kellu bżonn $30,000 għal "*insurance cover*"[28].

21. Is-soċjeta' Ċiniża tikkontendi illi hija għaddiet pagament ta' €30,000 kif rikjest – madanakollu ma eżebiet ebda riċevuta maħruġa mill-intimat, bħalma ġara bil-pagamenti preċedenti.

22. Jirriżulta illi, minkejja tali pagamenti, il-materjal ma intbagħtx u għalhekk, is-soċjeta' Ċiniża kkomunikat permezz ta' email ma' l-intimat fit-23 ta' Ġunju 2014, fejn filwaqt illi dan ammetta illi kien għadu ma bgħatx il-materjal, għax '*I am sick, I fall and hurt.*" Huwa aċċertahom illi "*when I am ok I will load don't worry.*"[29]

23. Jirriżulta illi, meta s-soċjeta' Ċiniża rat illi l-materjal kien għadu ma wasalx, huma qabbdu r-rikorrent nomine sabiex jikkomunika ma' l-Enemalta dwar x-xiri tat-transformers.

24. Jirriżulta illi s-soċjeta' Enemalta, permezz ta' ittra datata 19 ta' Settembru 2014, ikkonfermat illi ma għandha ebda informazzjoni dwar l-allegat ftehim illi l-intimat Frank Cachia għamel ma' Alan Micallef, Head Sales Manager fit-3 ta' Frar 2009[30], liema ftehim l-istess Alan Micallef jikkonferma illi huwa qatt ma ffirma, filwaqt illi saħaq li qatt ma kellu l-kariga ta' Head Sales Manager[31].

25. Jirriżulta wkoll illi l-MEPA, permezz ta' ittra datata 22 ta' Ottubru 2014[32], għarrfet illi ma kien sar ebda pagament lilha ta' €15,000, a differenza ta' dan illi indika l-intimat Frank Cachia lis-soċjeta' Ċiniża f'ittra bla data eżebita mir-rikorrenti nomine.[33]

26. Jirriżulta, finalment, illi s-soċjeta' Allcare Insurance Limited għarrfet lir-rikorrenti nomine, permezz ta' ittra datata 9 ta' Settembru 2014, illi hija qatt ma rċeviet ebda pagament għall-'*insurance cover'*[34]

27. Jirriżulta illi, eventwalment, fl-14 ta' Jannar 2015, ir-rikorrent nomine nieda l-proċeduri odjerni għall-ħlas ta' €25,000 kif ukoll $50,000 oħrajn imħallsin lkoll lill-intimat.

---

[26] Fol 7
[27] Fol 9
[28] Fol 13
[29] Fol 16
[30] Fol 17
[31] Fol 69
[32] Fol 19
[33] Fol 13
[34] Fol 18

## Difiża

28. Jirriżulta illi l-intimat, fid-difiża tiegħu, qajjem tlett difiżi preliminari w difiża fil-meritu, illi kienu s-segwenti:

    a. Ir-rikorrent nomine ma kienx il-mandatarju tas-soċjeta' Ċiniża Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd;
    b. L-azzjoni hija preskritta bit-trapass tal-perjodu ta' sentejn;
    c. L-intimat ma huwiex il-leġittimu kontradittur u jenħtieg jiġu kjamati in kawża Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg; u
    d. L-intimat ma huwa responsabbli għal ebda rifużjoni mitluba.

### *Eċċezzjonijet preliminari*

29. Jirriżulta illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet irtirata mill-intimat, kif dikjarat fis-sottomissjoniijet[35], wara l-preżentata tal-Ittra Uffiċjali datata 15 ta' Settembru 2014[36] filwaqt illi t-talba għal kjamat in kawża ġiet sorvolata meta Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg ġew kjamati in kawża b'digriet datat 4 ta' Novembru 2014.[37]

30. Jirriżulta illi, dwar l-eċċezzjoni li r-rikorrent, ma huwiex il-mandatarju tas-soċjeta' Ċiniża, il-Qorti tosserva illi, fil-mori tal-proċeduri, ir-rikorrent nomine ippreżenta affidavit ta' Antonio Auguliaro, rappreżentant tas-soċjeta' Ċiniża Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd fejn, fost affarijiet oħra, ippreżenta prokura maħruġa lir-rikorrenti nomine fit-22 ta' Settembru 2014.[38]

31. Jirriżulta illi, abbażi ta' tali prokura, illi tidher awtentikata minn Nutar Ċiniż, Zhao Jing[39], fl-istess 22 ta' Settembru 2014, il-Qorti ma għandha ebda raġuni illi tiddubita n-nomina tar-rikorrent Dr Johnaton Abela bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' Ċiniża Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd – madanakollu, tosserva illi tali prokura messha ġiet ippreżentata **kontestwalment** mal-proċeduri odjerni, u mhux ftit anqas minn sentejn wara illi nieda l-proċeduri odjerni.

## Eċċezzjoni fil-meritu

32. Jirriżulta illi, fil-meritu, l-intimat fid-difiża tiegħu, kif ukoll fix-xhieda tiegħu, jikkontendi illi huwa ma kienx responsabbli għar-rifużjoni, stante illi saħaq illi l-flus kollha kienu ħaduhom l-kjamati in kawża Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg, u hu ma ħa xejn.

[35] Fol 221
[36] Fol 102
[37] Fol 51
[38] Fol 109
[39] Fol 112

33. Jirriżulta, madanakollu, illi minkejja illi l-intimat jikkontendi l-innoċenza kollha tiegħu fil-konfront tas-soċjeta' Ċiniża u konvenjentement jitfa' r-responsabblita' kollha fuq il-kjamati in kawża assenti, dana ma huwiex rifless fl-azzjoni illi huwa stess kien għamel kontra l-kjamati in kawża stess fit-3 ta' Mejju 2010.

34. Jirriżulta, di fatti, illi fit-3 ta' Mejju 2010, huwa nieda proċeduri kontra l-kjamati in kawża Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg (Rik Nru 446/2010 JZM), fejn hu kien talab is-segwenti:

> 2. *Tikkundanna lill-konvenuti iħallsu s-somma ta' tmintax-il elf, sitt mija u tnejn u ħamsin ewro (€18,652) rappreżentanti bilanċ dovut lir-rikorrent bħala ħlas għal merkanzija li ġiet mibgħuta barra minn Malta, u liema ammont ġie riċevut mis-sekwestrati, bl-imgħax mid-data ta' meta dan l-ammont ġie riċevut sad-data tal-pagament effettiv;*
>
> 3. *Tordna lill-konvenuti iħallsu s-somma ta' tmintax-il elf, sitt mija u tnejn u ħamsin ewro (€18,652) rappreżentanti bilanċ dovut lir-rikorrent bħala ħlas għal merkanzija li ġiet mibgħuta barra minn Malta, u liema ammont ġie riċevut mis-sekwestrati, bl-imgħax mid-data ta' meta dan l-ammont ġie riċevut sad-data tal-pagament effettiv.*

4. Jirriżulta illi, permezz ta' l-istess azzjoni, huwa stess stqarr is-segwenti:

> 1. *Illi r-rikorrent jagħmel negozju ma' kumpanija barranija bl-isem ta' Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd li hija bbażata ġewwa Hong Kong, fiċ-Ċina, liema negozju jikkonsisti fix-xiri ta' 'scrap metal' u kif ukoll diversi oġġetti oħra ta' 'scrap' sabiex dawn jerġgħu jinbiegħu lil din il-kumpanija Ċiniża;*
>
> 2. *Illi r-rikorrent jagħmel dan in-negozju flimkien mal-konvenuti Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg, fejn it-tliet individwi kienu jaġixxu kolletivament taħt l-isem kummerċjali ta' AGV Group, iżda liema identità kummerċjali kienet tappartjeni lill-attur, li jagħmel diversi negozji oħrajn taħt l-istess isem;*
>
> 3. *Illi dan in-negozju jsir billi l-kumpanija Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd tibgħat il-flus bil-quddiem lill-konvenuta Fuzhen Wang Lanzon, u din tgħaddi dawn il-flejjes lill-attur sabiex ikun jista' jakkwista l-materja prima fil-forma ta' 'scrap', u sussegwentament l-attur flimkien mal-konvenut Tarak Rezeg jipproċessaw l-imsemmi 'scrap' billi dan jiġi sseparat u eventwalment jiġi mibgħut lill-imsemmija kumpanija Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd;*
>
> 4. *Illi effettivament, huwa r-rikorrent li jieħu ħsieb ix-xiri tal-materjal in kwistjoni u flimkien mal-konvenut Tarak Rezeg jieħdu ħsieb l-iproċessar tal-istess materjal qabel ma dan jiġi mibgħut lill-kumpanija barranija, waqt li l-konvenuta Lanzon tieħu ħsieb il-lat amministrattiv ta' meta tidħol l-ordni, inkluż il-ġbir tal-flus li jintbagħtu mill-kumpanija barranija, liema flus jidħlu direttament fil-kont bankarju tal-konvenuta Fuzhen Wang Lanzon, u sussegwentement jiġu mgħoddija lill-attur sabiex dan ikun jista' jakkwista l-materjal in kwistjoni;*
>
> 5. *Illi dan in-negozju sar iżjed minn darba u dejjem ġara illi r-rikorrent u l-konvenuti jaqsmu dak li jifdal bħala dħul minn tali negozju wara illi jitnaqqsu l-ispejjeż kollha inkorsi fl-istess negozju;*
>
> 6. ***Illi f'okkażjoni partikolari, ġara illi l-kumpanija barranija ittrasferiet is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) mill-kont bankarju tagħha għal dak tal-konvenuta Fuzhen Wang Lanzon kif dejjem tagħmel, u konsegwentement, meta r-***

***rikorrent ġie mgħarraf b'dan huwa mingħajr dewmien ħareġ riċevuta għal tali ammont f'isem AGV Group, kopja ta' liema qed tiġi annessa u mmarkata Dok 'A';***

7. ***Illi mis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000), il-konvenuti għaddew is-somma ta' sitt elef, tliet mija u tmienja u erbgħin ewro (€6,348) lir-rikorrent;***

8. *Illi sussegwentement ir-rikorrent beda jixtri permezz ta' flusu stess il-materjal rikjest għall-kumpanija Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd, u inizjalment interpella lill-konvenuta Lanzon sabiex tittrasferixxi l-kumplament tal-flejjes riċevuti biex huwa jkun jista' jikkompleta l-ipproċessar tal-materjal u jagħmel konsenja tal-istess;*

5. Jirriżulta illi, sussegwentement, il-Prim Awla, Qorti Civili, permezz ta' sentenza mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2010, u llum '*res gudikata*', ikkundannat lil Fuzhen Wang Lanzon u Tarak Rezeg tħallas lill-intimat is-somma ta' €18,652, ossija il-bilanċ tal-€25,000 imħallsin mis-soċjeta' Ċiniża Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd għall-materjal illi eventwalment qatt ma ġie lilha kkonsenjat.

6. Jirriżulta ċar, għal dina l-Qorti, illi, għal dak illi jirrigwarda l-ammont ta' €25,000, ma għandu jkun hemm ebda dubju illi l-intimat, anke bis-saħħa tas-sentenza fuq imsemmija, huwa debitur tas-soċjeta' Ċiniża Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd għal tali ammont.

7. Jirriżulta, madanakollu, illi l-istess ma jistax jingħad għal dak illi jirrigwarda l-pretensjoni l-oħra tas-soċjeta' Ċiniża Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd għall-ħlas ta' $50,000.

8. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, għalkemm s-soċjeta' Ċiniża tikkontendi illi għamlet ħlas ta' $50,000 lill-intimat, ma nġabet ebda prova dwar it-transazzjoni ta' tali flejjes konsiderevoli mis-soċjeta' Ċiniża għal dik ta' l-intimat. Dana qieghed jingħad peress illi ma ġie ppreżentat ebda prova u/jew dokument bankarju li jipprova tali trasferiment ta' ammont ta' flus inġenti u r-rikorrenti nomine ma għamel ebda tentattiv sabiex iressaq bħala xhud rappreżentant tal-Bank of Valletta plc sabiex jikkonferma t-trasferiment ta' tali flejjes fil-kont ta' l-intimat Frank Cachia, dettalji ta' liema kont ir-rikorrent nomine kellu fil-pussess tiegħu u eżebixxa f'dokument[40], u għalhekk seta' kien facli għalih jipprova l-pretensjoni tas-soċjeta' Ċiniża illi tistqarr li għamlet transazzjoni ta' $20,000 u $30,000 rispettivament.

9. Il-Qorti tosserva illi dokument maħruġ minn Frank Cachia ta' riċevuta ta' $20,000[41] kif ukoll dokument ieħor li jgħid "*I require another Dollars 30,000 for the insurance cover*"[42], ma jistax jitqies minn dina l-Qorti bħala prova suffiċjenti illi tali flejjes attwalment ingħaddew lill-intimat u/jew lill-kjamati in kawża – kien jinkombi fuq ir-rikorrent nomine jressaq l-aħjar prova, liema prova huwa naqas milli jressaq meta għażel illi ma jipproduċix bħala xhud ir-rappreżentant tal-bank ta' l-intimat.

[40] Fol 13
[41] Fol 5
[42] Fol 13

10. Il-Qorti, għalhekk, abbażi tal-provi u dokumentazzjoni kollha mressqa quddiemha, tasal għall-konklużjoni illi hija biss is-somma ta' €25,000 li hija dovuta mill-intimat Frank Cachia lir-rikorrent nomine, bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' Ċiniza Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi,

**Tiċħad** l-eċċezzjonijet ta' l-intimati w tal-kjamati in kawża;

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti *nominee* limitatament kif ġej:

**Tiddikjara** lill-konvenut Frank Cachia unikament responsabbli sabiex iħallas lir-rikorrent nomine Dr Johnaton Abela, bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' Ċiniża Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd, is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000).

**Tikkundanna** lill-konvenut Frank Cachia sabiex iħallas lir-rikorrent nomine Dr Johnaton Abela, bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' Ciniza Kaiping City Huih Waste Recycling Co. Ltd, is-somma ta' **ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000)**.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 2857/2014, a kariku ta' l-intimat Frank Cachia u bl-imgħax mid-data ta' l-Ittra Uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**